**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Jannar, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 172/2017 AF**

**Dolmen Complex Limited (C-6472)**

**vs**

**Edrichton Holidays Limited (C-3111)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi Dolmen Complex Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

**<u>DIKJARAZZJONI TAL-FATTI</u>**

Is-socjetà rikorrenti bhala operatur ta' akkomodazzjoni turistika u s-socjetà intimata bhala operatur tal-ivvjaggar dahlu

f'*Allocation Agreements* li kienu gew debitament konkluzi miz-zewg partijet datati rispettivament.

i. Sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) riferenti ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) [Dok. DCL1];

ii. Sittax (16) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) riferenti ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) u l-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) [Dok. DCL2]; kif ukoll

iii. Erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) riferenti ghall-perjodu bejn l-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sittax (2016) u l-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) [Dok. DCL3].

Is-socjetà rikorrenti hija kreditrici tas-socjetà intimata fis-somma ta' mija u tmint'elef, mija u seba' Ewro u erba' u sebghin centezmu (€108,107.74) rapprezentanti servizzi ta' akkomodazzjoni moghtija mis-socjetà rikorrenti fit-termini tal-*Allocation Agreements* fuq imsemmija, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok. DCL4.

Minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjetà intimata baqghet inadempjenti.

Dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjetà rikorrenti, s-socjetà intimata m'ghandhiex risposta x'taghti.

## RAGUNI GHAT-TALBIET F'DAWN IL-PROCEDURI

Il-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi s-socjetà intimata hija debitrici fil-konfront tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' mija u tmint elef, mija u seba' Ewro u erba' u sebghin centemzu (€108,107.74) u ghaldaqstant

tikkundanna lill-istess socjetà intimata thallas dan l-ammont lis-socjetà rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi r-rikors a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' mija u tmint elef, mija u seba' Ewro u erba' u sebghin centezmu (€108,107.74) dovuta kif fuq inghad.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà intimata ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi l-kawża ġiet appuntata għall-udjenza tal-4 ta' April 2017 u peress illi l-Qorti qieset li s-soċjetà konvenuta seta' kellha eċċezzjonijiet xi tressaq, ingħatat għoxrin jum żmien sabiex tippreżenta l-eċċezzjonijiet tagħha għar-rikors maħluf tas-soċjetà attriċi.

Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta Edrichton Holidays Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Din ir-risposta guramentata qieghda tigi pprezentata mis-socjetà esponenti wara illi din l-Onorabbli Qorti pprovdiet permezz ta' digriet datat 4 ta' April 2017 ai termini tal-Artikolu 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex is-socjetà eccipjenti tipprezenta din ir-risposta guramentata fi zmien ghoxrin (20) gurnata kif hemm stipulat.

Preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2147(b) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk kull talba ghal hlas ta' servizz ta' allogg u

ikel[1] ghal perjodu sat-22 ta' Frar 2016 hija preskritta u dan kif ser jigi pruvat waqt il-mori ta' dawn il-proceduri.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, t-talbiet tas-socjetà rikorrenti ma jistghux jigu milqugha u dan stante illi s-socjetà rikorrenti ma talbet l-ebda dikjarazzjoni ta' responsabbilità tas-socjetà esponenti ghall-hlas in kwistjoni.

Fil-mertu, l-ammont ta' mija u sitt elef u disa' Ewro (€106,009) illi jikkonsisti f'bookings ta' Tour Operator barrani jisimha 'Lowcostbeds.com Limited' mhux dovuti mill-konvenuta imma mill-istess kumpannija barranija u/jew mill-persuni li lilhom nghata s-servizz, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Ukoll fil-mertu l-ammont bilancjali mhuwiex dovut stante li ma jaqbilx mar-rendikont tas-servizzi uzati mill-konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi jekk ikun permissibbli.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà rikorrenti.

**<u>Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artiklu 158(3)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

Is-socjetà eccipjenti topera fil-qasam tat-turizmu u ilha hekk topera ghal dawn l-ahhar erbghin (40) sena.

Kwalunkwe talba ghall-hlas ta' servizzi ta' allogg sat-22 ta' Frar 2016 hija perenta bit-trapass ta' sena kif stipulat fl-artikolu 2147(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija bbazata kemm fuq 'Allocation Agreements' kif prezentati mis-socjetà rikorrenti fir-rikors guramentat taghha kif ukoll skond 'Bookings Confirmation Vouchers' ghal kull booking separat fejn kien hemm termini u kundizzjonijiet specifici accettati miz-zewg partijiet (tlieta

[1] 2147. L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sena: (b) l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew allogg ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu;

minnhom gew annessi bhala 'Dok. E1' ma' din ir-risposta guramentata b'riserva li jigu prezentati 'l bqija jekk ikun il-kaz).

Gara illi Tour Operator barrani, 'Lowcostbeds.com Limited', ghal xi raguni jew ohra falliet fil-15 ta' Lulju 2016 u ma baqghetx topera (ara 'Dok. E2' hawn anness). F'kull *Booking Voucher* separat, li s-socjetà eccipjenti kienet tibghat lis-socjetà rikorrenti fejn kien jigi accettat mill-istess socjetà rikorrenti, kien hemm stipulat illi s-socjetà eccipjenti ma kienitx qed tassumi responsabbilità ghall-pagament tal-istess bookings stante li kellu jkun it-Tour Operator barrani (f'dan il-kaz il-Lowcostbeds.com Ltd) u/jew mill-persuni li lilhom nghata s-servizz li kellhom jhallsu. Fil-fatt kif ser jigi pruvat waqt l-andament tal-kawza s-socjetà rikorrenti minn dejjem kellha relazzjoni kummercjali u diretta mal-'Lowcostbeds.com Limited'.

Skond rendikont maghmul minghajr pregudizzju mis-socjetà eccipjenti kif hawn anness jidher illi l-ammont rigward bookings tal-Lowcostbeds.com jammontaw ghas-somma ta' mija u sitt elef u disa' Ewro (€106,009). Sussegwentement fl-istess rendikont hemm l-ammont ta' mija u tmenin Ewro digà mhallas, l-ammont ta' mija u wiehed u tletin Ewro u erba' u ghoxrin centezmi (€331.24c) illi ma jaqblux mas-sistema interna tas-socjetà eccipjenti ghal diversi ragunijiet misti, l-ammont ta' tmien mija u wiehed u hamsin centezmi (€801.50c) illi ma jikkorispondux ma' bookings specifici fis-sistema interna tas-socjetà eccipjenti kif ukoll l-ammont ta' sitt mija u sitta u tmenin Ewro (€686) bhala bookings ikkancellata u ghalhekk mhux dovuti (ara rendikont tas-socjetà eccipjenti hawn anness bhala 'Dok. E3'). Dan ser jigi spjegat fid-dettall waqt il-mori ta' dawn il-proceduri.

Inoltre, ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kap. 12, minn issa qed jigi dikjarat illi fid-dawl tas-suespost, il-fatti dikjarati mir-rikorrenti huma kontestati u jehtieg ghalhekk illi jigu ppruvati fl-intier taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din tal-lum hija kawża għall-ħlas ta' somma rappreżentanti bilanċ ta' servizz ta' akkomodazzjoni u servizzi oħra relatati provduti mis-soċjetà attriċi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà attriċi hija l-operatriċi tal-lukanda Dolmen Resort Hotel filwaqt illi s-soċjetà konvenuta hija operatriċi tal-ivjaġġar. Il-partijiet iffirmaw tlett skritturi, ossia 'Allocation Agreements', tnejn datati 16 ta' April 2015 u wieħed datat 14 ta' Awwissu 2015 li permezz tagħhom l-attriċi ntrabtet li talloka numru ta' kmamar fil-lukanda għat-turisti li tibgħat il-konvenuta taħt il-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skritturi. B'mod partikolari, ta' rilevanza għall-każ huma s-segwenti klawsoli:

> *"9. The Travel Operator guarantees the payment of the guests' account. In the event of the Travel Operator failing to make payment in accordance with the terms under clause 8, the Hotel shall be entitled to serve notice to suspend the contract or rescind it.*
>
> *...*
>
> *15. In the event that an allocation agreement is signed by a Local Agent/Representative on behalf of his Principals, the Local Agent/Representative shall be deemed to be jointly and severally liable together with his Principal for the execution of all obligations and payments under this agreement, unless it is expressly stated therein that he is merely acting as an intermediary.*
>
> *16. Should any clause in any Allocation agreement/Reservation Form presented to the Hotel by the Travel Operator be in conflict with or inconsistent with any*

*of the above Terms and Conditions, then it is agreed and understood that the above Terms and Conditions shall prevail, and any printed clauses in the Travel Operator's Agreemement Form and/or Reservation Form, shall to the extent of the inconsistency and/or conflict therewith, be void and without effect. It is understood that this also covers any disclaimer which may be printed on the Travel Operator's Reservation Form."*

Il-konvenuta kien ikollha numru ta' kmamar fil-lukanda allokati għat-turisti li tibgħat hi. Meta turist kien jagħmel prenotazzjoni mal-konvenuta, din tal-aħħar kienet tibgħat l-informazzjoni konsistenti f'kopja tal-*booking voucher* lill-attriċi. Dan il-*voucher* li kienet tibgħat il-konvenuta kien imur għand ir-*reservations clerk* li da parti tagħha kienet tieħu nota tal-prenotazzjoni u tibgħat konferma ta' dan lill-konvenuta. L-attriċi kienet imbagħad tippreżenta kopja ta' dawn il-*vouchers* lill-konvenuta mal-kont li kienet toħroġ għal kull turist skont l-*allocation agreement* applikabbli.

Dawn il-kontijiet dejjem tħallsu mill-konvenuta. Madanakollu, jirriżulta li fil-maġġor parti (€106,009), il-bilanċ pendenti mertu ta' din il-kawża jirreferi għall-prenotazzjonijiet li l-konvenuta kienet tagħmel għall-klijenti tas-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited. Permezz ta' e-mail datata 16 ta' Lulju 2016, Louis Tabone għall-konvenuta bagħat jinforma lil Dominic Galea għall-attriċi li l-imsemmija soċjetà estera kienet waqfet topera dakinhar. Peress illi l-konvenuta baqgħet ma tħallsitx mingħand LowcostBeds.com Limited, hija baqghet tirrifjuta li tħallas lill-attriċi l-bilanċ pendenti relatat mal-kontijiet tal-klijenti ta' LowcostBeds.com Limited.

Mill-bqija, l-konvenuta tgħid illi l-bilanċ rimanenti (€2073.74) huwa kontestat stante li diġà tħallas, jirreferi għall-prenotazzjonijiet li sussegwentment ġew kanċellati jew jirreferi għall-prenotazzjonijiet li ma setgħux jiġu rintraċċati fuq is-sistema tagħha. L-attriċi irriduċiet is-somma globali mitluba b'€25 biex b'hekk l-ammont komplessiv li tgħid li huwa dovut mingħand il-konvenuta huwa €108,082.74.

Is-soċjetà konvenuta ressqet eċċezzjonijiet kemm ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Preliminarjament, teċċepixxi li t-talba għall-kundanna ta' ħlas mhux preċeduta b' talba għal dikjarazzjoni ta' responsabilità ta' ħlas. Il-Qorti tinnota fil-kuntest illi nbdiet l-azzjoni permezz tal-proċediment sommarju speċjali u fit-tieni lok, '*kif paċifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mid-domandi tiegħu m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni taħt forma ta' domandi*' (**Carmelo Cassar et vs Victor Zammit**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-23 ta' Ġunju 2004). Din l-eċċezzjoni qiegħda għalhekk tiġi miċħuda.

Imbagħad, in linea preliminari wkoll, il-konvenuta teċċepixxi l-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2147(b) tal-Kapitolu 16 li jaqra hekk:

> "*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sena:*
>
> *...*
>
> *(b) l-azzjonijiet tas-sidien ta' lukanda, tverna jew alloġġ għall-alloġġ u għall-ikel li jagħtu;*"

Madanakollu, l-azzjoni tal-lum ma tirrigwardax servizz li ġie provdut direttament lill-konvenuta eċċepjenti. Kwindi, il-vertenza miġjuba għall-ġudizzju tal-Qorti mhijiex waħda sempliċi ta' għoti ta' servizz ta' alloġġ kif previst fl-artikolu 2147(b), iżda ftehim kummerċjali bejn żewġ kummerċjanti li kellu bħala l-bażi tiegħu l-għoti ta' dan is-servizz.

Kif sewwa qalet il-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Grand Hotel Excelsior Limited vs Raymond Steer Chetham et, tat-28 ta' Jannar 2015:

> "*Illi huwa minnu illi fl-avviz promotur is-socjetà appellanti qieghda tfittex ghal bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra ancillari ipprovduti lill-intimati, madanakollu l-istess talba ghandha il-fondament taghha f'kuntratt ta' natura purament kummercjali milhuq bejn il-partijiet.*"

Dak li qed jintalab mhux kreditu dovut lil sid il-lukanda għall-alloġġ u għall-ikel li huwa jagħti lill-persuna li jalloġġja, fejn sid il-lukanda qiegħed ifittex lill-klijent illi alloġġja fiha, iżda huwa kreditu kummerċjali dovut abbażi ta' skrittura bejn il-partijiet fejn sid il-lukanda intrabat illi jipprovdi alloġġ u servizzi oħrajn lill-klijenti tas-soċjetà konvenuta u fejn is-soċjetà konvenuta intrabtet illi tħallas rata fissa għal dak l-alloġġ.

F'dan il-każ ir-relazzjoni hija waħda bejn soċjetà kummerċjali li tiġġestixxi lukanda u operatur tal-ivjaġġar. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikolu 2147(b) jirreferi għal dawk l-azzjonijiet fejn is-sid tal-lukanda jkun qiegħed iħarrek direttament lil dawk li jkunu għamlu użu mis-servizz li tipprovdi l-istess lukanda u mhux f'każ bħal dak tal-lum fejn ir-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt kummerċjali.

Kif sewwa ġie ritenut ukoll fil-każ ta' Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr Maria Deguara noe, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Ottubru 2003:

> *"Illi, kif inghad iżjed 'il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu.*
>
> *...*
>
> *Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni."*

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni qiegħda għalhekk ukoll tiġi respinta.

Fil-mertu, il-konvenuta teċċepixxi li l-ħlas huwa dovut mingħand is-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited u/jew mingħand dawk il-persuni li lilhom ingħata s-servizz.

Il-konvenuta tinsisti li l-attriċi għandha relazzjoni ġuridika mas-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited stante li fil-*booking vouchers* li hija kienet tibgħat ma kull prenotazzjoni dejjem kien ikun hemm *disclaimer* fis-sens li l-ħlas huwa dovut mingħand l-operatur tal-ivjaġġar barrani.

Kif diġà ntqal, mill-provi rriżulta li l-ħlas għas-servizzi prestati mill-attriċi lit-turisti li kienet tibgħat il-konvenuta dejjem sar mill-istess konvenuta anke fejn il-kont kien jappartjeni lil xi turist li jkun għamel prenotazzjoni ma LowcostBeds.com Limited. Meta kien hemm nuqqas ta' qbil dwar xi rati, il-konvenuta kienet titlob kjarifika direttament mingħand l-attriċi u fl-ebda stadju l-konvenuta ma qatt bagħtet tinforma lill-attriċi li l-ħlas mhuwiex dovut mingħandha sakemm falliet LowcostBeds.com Limited u l-konvenuta ma setgħetx tirkupra l-flus mingħandha. Infatti, Denise Ellul, impjegata tal-konvenuta, spjegat li l-konvenuta qiegħda tirrifjuta li tħallas għas-servizzi prestati lill-klijenti ta' LowcostBeds.com Limited proprju għaliex il-flus qatt ma waslu mingħand l-imsemmija soċjetà estera peress li laħqet falliet.

Baqghet mhux maghrufa ix-xorta ta' relazzjoni bejn il-konvenuta u LowcostBeds.com Limited. Madanakollu, mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta li ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u s-soċjetà estera LowcostBeds.com Limited u kwalunkwe ftehim li kien hemm bejn il-konvenuta u l-imsemmija soċjetà estera huwa *res inter alios acta* għall-attriċi.

Louis Tabone għall-konvenuta jinsisti li r-rwol tas-soċjetà li huwa jirrappreżenta kien ta' kummerċjant kummissjonant (commission agent) iżda din l-allegata relazzjoni bejn il-partijiet minn imkien ma tirriżulta. Huwa indubitat li l-konvenuta kienet tagħmel qliegħ mill-kmamar li tbiegħ lit-turisti imma b'daqshekk ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taġixxi ta' kummerċjant kummissjonant tal-attriċi.

Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet hija regolata mill-iskritturi msejħa 'Allocation Agreements' li ġew preżentati fl-atti. Il-

konvenuta ma tistax taħrab milli obbligi tagħha bl-iskuża li fuq id-dokument li kienet tibgħat lill-attriċi bħala prenotazzjoni kien ikun hemm miktub li hija mhux responsabbli għall-ħlas, għaliex jibqa' l-prinċipju kardinali skont l-artikolu 992 tal-Kap. 16 li l-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom, *pacta sunt servanda*. Imbagħad, skont l-artikolu ta' wara, il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.

Bil-fatt illi l-attriċi qatt ma oġġezzjonat dwar x'kien ikun hemm miktub fuq il-*confirmation vouchers* ma jfissirx illi hija kienet qiegħda taċċetta xi tibdil fil-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet jew b'xi mod tirrinunzja għad-drittijiet tagħha. Id-*disclaimer* in kwistjoni ma huwa xejn ħlief dikjarazzjoni unilaterali tal-konvenuta. Il-Qorti tirreferi ghall-osservazzjoni li għamlet din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Eden Hospitality Limited vs S.I.T. Special Interest Travel Limited et, tal-15 ta' Lulju 2014, fejn iċ-ċirkostanzi kienu pjuttost simili:

> *"Jirrizulta li d-dokument kien jintbaghat fl-ufficcju tar-reservations li kienu jikkonfermaw il-booking permezz ta' email (ara fol. 181). Ma rrizultax li d-dokument kien jigi ffirmat. Inoltre ma rrizultax li l-ufficjali f'dan id-dipartiment kellhom l-awtorità li jorbtu lill-kumpannija attrici jew li jibdlu l-kontenut ta' kuntratt. Il-fatt li ma sar l-ebda kumment min-naha tal-impjegati ta' dan l-ufficcju ghad-dikjarazzjoni unilaterali ta' SIT ma jfissirx li b'daqshekk l-attrici tilfet jew irrinunzjat ghal jeddijiet taghha taht il-kuntratt. Ir-riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Peter Vella de Fremaux et vs Eagle Star (Malta) Limited (9 ta' Novembru 2012) m'hijiex flokha ghaliex dak il-kaz kien jitratta offerta ta' hlas ghas-saldu li kienet giet accettata mill-kreditur meta rcieva l-hlas. Min-naha l-ohra fil-kaz in ezami l-prenotazzjonijiet li kienet qieghda taghmel SIT kienu regolati minn kuntratt li ma kellha l-ebda jedd li tvarja unilateralment. Id-disclaimer li SIT inkludiet fl-ahhar tar-reservation voucher ma setax ibiddel dak li kien miftiehem b'kuntratt. Dan apparti li rrizulta wkoll kif l-attrici kienet*

*tohrog il-kontijiet f'isem SIT (Dok. AG3AG6 afol. 53-56) u ma rrizultax li qatt irritornat lura dawn il-kontijiet jew li oggezzjonat ghal fatt li kienu qeghdin jinhargu f'isimha*."

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti permezz ta' sentenza datata 27 ta' Settembru 2019 fejn iddikjarat illi:

*"Din il-Qorti taqbel ma l-ewwel Qorti li f'kuntratti sinallagmatiċi mhuwiex mogħti lil xi waħda mil-partijiet li tibdel jew tħassar xi patt jew kundizzjoni jekk mhux bil-qbil mal-partijiet l-oħrajn. Ma hemmx dubju li d-'disclaimer' mhuwiex kompatibbli mal-klawsola tal-ftehim li titkellem fuq ir-rabta in solidum dwar il-ħlasijiet. Fit-tielet lok, l-argument ta' SIT li l-appellata kellha dejjem l-għażla u l-jedd li tirrifjuta li taċċetta l-kundizzjoni jfisser li, biex tagħmel hekk u ma tirrinunzjax għall-patti dwar is-solidarjetà, il-ftehim ma jibqax aktar eżegwibbli għaliex in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tal-'voucher' kien ikun ifisser li l-għoti tas-servizzi li l-ftehim kien jikkontempla kien jinġab fix-xejn. Tifsira bħal din ta' dik il-kundizzjoni tmur kontra waħda mir-regoli tal-liġi dwar it-tifsir tal-kuntratti."*

Ladarba s-soċjetà attriċi kellha rapport dirett ma' dik konvenuta, din tal-aħħar ma tistax taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha b'dan il-mod. Fuq kollox, il-konvenuta iffirmat il-kuntratt u dejjem qablet ma u segwiet il-kundizzjonijiet hemm maqbula tant illi mhux kontestat illi qabel falliet LowcostBeds.com Limited, il-konvenuta dejjem ħallset il-kontijiet anke fejn kienu jappartjenu għall-prenotazzjonijiet magħmula mal-imsemmija soċjetà estera. Skont il-kuntratti ffirmati bejn il-partijiet, huwa ċar illi l-ħlas għall-alloġġ u servizzi oħra mogħtija huwa dovut mingħand il-konvenuta u l-attriċi għandha kull dritt tesiġi l-ħlas mingħandha.

Huwa rilevanti wkoll l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet Cornucopia Hotel Limited vs Fisher Reisen Limited tas-17 ta' Ottobru 2007:

*Fil-fatt, il-hlasijiet u l-konteggi kienu dejjem isiru direttament mas-socjetà lokali, u qatt ma kienet tigi nvoluta*

*s-socjetà estera. L-invoices kienu jintbaghtu lis-socjetà konvenuta u ghalkemm din gieli kienet tirreklama jew tikkontesta l-ammont indikat fuq xi invoice, qatt ma osservat li dawn ma kellhomx jintbaghtu lilha izda lis-socjetà estera. Il-bookings kienu jsiru mis-socjetà konvenuta, u l-hlasijiet kienu dejjem isiru minnha. Dawn huma kollha cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li r-responsabbilità ghall-operazzjoni kien gie assunt mis-socjetà lokali kif, f'sitwazzjoni simili, din il-Qorti kienet ikkonkludiet fil-konfront ta' agenzija ohra lokali fil-kawza "Vivaldi Hotels Operations Limited vs. Introned Limited", deciza fid-9 ta' Marzu, 2007.*

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenuta qatt infurmat lill-attriċi li t-talba għall-alloġġ kienet qed issir għal xi ħadd ieħor jew li hija kienet qed tidher biss bħala aġenti jew bħala rapprezentant ta' xi persuna oħra, kif huwa l-obbligu ta' kull aġent skont l-artikolu 54(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Qabel ma l-konvenuta rriskontrat diffikultajiet sabiex tiġbor flusha, qatt ma kienet tat x'tifhem lill-attriċi li kienet qed tikkuntratta bħala mandatarja ta' xi ħadd.

Fil-każ ta' Vivaldi Hotels Operations Limited vs Intramed Limited, tad-9 ta' Marzu 2007, il-Qorti tal-Appell irriteniet:

*"Il-posizzjoni li qed tipprospetta s-socjetà konvenuta hija dik ta' mandatarju inkwantu hija ssostni li hi tagixxi ghan-nom u fl-interess tat-"tour operators" u bhala tali ma hemmx responsabbilità diretta da parti taghha ghal xi nuqqas tal-istess "tour operator". Izda din il-Qorti taghmel referenza ghall-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirregolaw l-istitut tal-mandat u senjatament l-Artikolu 1879 li jiddisponi li: "Il-mandatarju, illi jkun gharraf bizzejjed bis-setghat tieghu lill-parti li maghha jkun ittratta f'dik il-kwalità, ma jwiegeb ghal ebda garanzija dwar dak li jkun ghamel barra minn dawk il-limiti, hlief jekk hu jkun obbliga ruhu huwa nnifsu ghaldaqshekk." (sottolinear tal-Qorti).*

*Mill-provi prodotti jidher li fit-trattativi li s-socjetà konvenuta kellha mas-socjetà attrici l-istess socjetà konvenuta, ghall-anqas fil-maggor parti tat-trattativi ma indikatx li hija kienet*

*qed tagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta' persuna ohra, anzi l-ordnijiet kienu jsiru f'isimha u l-invoices kienu jinhargu f'isimha minghajr ebda protesta da parti taghha. Anzi meta fil-"vouchers" li kienu jigu prezentati lis-socjetà attrici kien jissemma xi "tour operator" dan l-istess dokument kien jispecifika "Booked and paid by IntraMed Travel Bureau Malta". Jidher ghalhekk li s-socjetà konvenuta, anke jekk seta' kellha arrangamenti ta' "handling agent" mat-tour operators esteri, fatt li ma giex pruvat b'mod konklussiv, xorta wahda l-istess socjetà konvenuta ghandha tirrispondi ghat-talba attrici billi qatt ma indikat lill-istess socjetà attrici li hija kienet qed tidher ghan-nom ta' haddiehor u mhux f'isimha b'mod li svijjat lill-istess socjetà attrici."*

Anke li kieku għall-grazzja tal-argument il-konvenuta kienet fil-fatt qiegħda tagixxi ta' agent jew rappreżentant lokali ta' LowcostBeds.com Limited, skont il-klawsola numru 15 tal-iskritturi ffirmati bejn il-partijiet, hija xorta tibqa' responsabbli għall-ħlas b'mod solidali mal-imsemmija soċjetà estera.

Finalment, u dwar il-quantum, il-konvenuta teċċepixxi li l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante li ma jaqbilx mar-rendikont ta' servizzi li ngħataw lill-klijenti tagħha. Jidher illi permezz ta' din l-eċċezzjoni s-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontesta biss l-ammont ta' €2098.74 li tgħid li diġà tħallsu, huma prenotazzjonijiet kanċellati, sommom riġettati jew prenotazzjonijiet li ma nstabux fuq is-sistema tagħha. Madanakollu, il-Qorti tqis illi d-dokument a fol. 44 jagħti spjegazzjoni ċara ta' x'inhuma l-ammonti kollha kontestati u allura din is-somma hija wkoll dovuta mingħand il-konvenuta, bl-eċċezzjoni tas-somma ta' €25 li l-attriċi rrinunzjat għaliha fil-mori tal-kawża.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tipprovdi ulterjorment dwar l-ewwel talba, tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-konvenuta u tilqa' t-tieni talba attriċi. Għaldaqstant, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tmint elef u tnejn u tmenin Ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€108,082.74), bl-imgħax mid-data ta' kull fattura.

L-ispejjeż tal-kawza jithallsu mis-soċjetà konvenuta.

IMHALLEF

DEP/REG